TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/309/12/S

Stephen Triganza
Vs
Joe Caruana ezercenti l-kummerc bhala JAC Travel Bureau

Illum 9 ta'Mejju,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Stephen Triganza ipprezentata fit-3 ta'Dicembru,2012 u r-risposta ta' Joe Caruana ezercenti l-kummerc bhala JAC Travel Bureau ipprezentata fil-21 ta'Dicembru,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-28 ta'Frar,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar vakanza 'all inclusive' li skont ir-rikorrent, ma kinitx tal-livell miftiehem;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi jidher li r-rikorrent kellu d-dubbju fuq din il-lukanda fit-Tunezija minn qabel telaq ghax minn ricerka li ghamel 'online' deheret 'out-dated';

Illi dan id-dubbju seta' u kellu jwassal lir-rikorrent biex jaghzel lukanda ohra apparti li seta' facilment jaghmel ricerka dwar kummenti ta' nies ohra li ffrekwentaw l-istess lukanda u dan kollu, qabel jibbukkja minflok wara;

Illi min-naha l-ohra hi r-responsabilita ta' min joffri vaganza li jara li dak offrut u li gie mhallas ghalih, jinghata;

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Illi mill-provi mressqa jidher li l-livell ta'servizz tal-lukanda in kwistjoni, ma kienx wiehed sodisfacenti;

Illi jidher car li r-rikorrent stenna livell ta' servizz differenti u haseb li kien se jinghata tali servizz meta bbukkja l-vaganza minghand l-intimat;

Illi l-ilmenti msemmija mir-rikorrent mhumiex kollha gustifikati partikolarment dik fuq ix-xorb fejn dak imwieghed, kien offrut mill-lukanda bl-istess mod ta' dak li wiehed isib f'kull post 'all inclusive';

Illi mill-provi mressqa, l-intimat jidher li ghamel dak kollu possibbli biex isolvi l-intoppi li ltaqa' maghhom ir-rikorrent;

Illi fic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrent hi wahda esagerata u ma tistax tintlaqa' fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' in parte it-talba ta' Stephen Triganza u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Joe Caruana ezercenti l-kummerc bhala JAC Travel Bureau, Jordna lil Joe Caruana ezercenti l-kummerc bhala JAC Travel Bureau ihallas lil Stephen Triganza is-somma ta' €100 stabbilita *ex aequo et bono*, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888